DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/972

tat-8 ta' Ġunju 2017

li taġġorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/154

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Diċembru 2001, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ([1]).

(2) Fis-27 ta' Jannar 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 ([2]) li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK ("il-lista").

(3) Il-Kunsill iddetermina li m'għadx hemm raġunijiet għalfejn entità minnhom tinżamm fuq il-lista.

(4) Il-lista għandha għalhekk tiġi aġġornata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/154 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

U. REINSALU

([1]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 344, 28.12.2001, p. 93).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/154 tas-27 ta' Jannar 2017 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2016/1136 (ĠU L 23, 28.1.2017, p. 21).

ANNESS

L-entità elenkata hawn taħt titħassar mil-lista li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2017/154:

II. GRUPPI U ENTITAJIET

11. "Hofstadgroep".